MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 1728/1999/1

**C.B. Motors Ltd.**
**vs**
**Andrew u Nancy sive Annunziata konjugi Bezzina**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet u talbet hekk: peress illi s-socjeta' attrici skond kambjala li kopja taghha qed tigi mmarkata bhala Dok. A u li l-originali taghhom sejrin jigu esebiti waqt il-kawza, tinsab kreditur tal-konvenuti fis-somma ta' elf u tmien mija u disa u hamsin Lira Maltin u tlettin centezmi, (LM 1859.30); peress illi dawn il-kambjaliet skadew izda baqa ma thallsux u dana nonostante li l-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex jhallsu dan l-amont; peress illi jeziztu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tal-Artikolu 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) billi l-kreditu tal-attur nomine huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta attrici, l-

konvenuti m'ghandhomx l-ebda raguni jew eccezzjoni valida x'jghamel f'din il-kawza.

Talbu ghalhekk il-konvenuti jghidu ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti:

1. Tikkundannhom jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' elf, u tmien mija u disa u hamsin Lira Maltin u tlettin centezmi (LM 1859.30) dovuti skond kambjaliet kif fuq intqal u ghar-ragunijiet premessi bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12).
Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' ittra ufficjali tat-12 ta' Mejju 1999 u ta' mandat ta' sekwestru ippresentat kontestwalment ma din ic-citazzjoni, kontra l-konvenuti li jibqa minn issa ingunti ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet legali kontra l-istess konvenuti mid-data ta' lis-skadenza tal-kambjala.
Rat in-nota prezentata mis-socjeta' attrici fit-22 ta' Settembru 1999 li biha rriduciet it-talba taghha ghas-somma ta' disa mija disa u ghoxrin lira maltin u tletin centezmu [Lm929.30] stante pagament fil-mori;

Rat li l-konvenuti debitament notifikati bl-atti fil-25 ta' Ottubru 1999 baqghu kontumaci.

Rat li fl-udjenza tat-13 ta' Frar 2004 is-socjeta' attrici pprezentat nota li biha rriduciet it-talba ghas-somma ta' sitt mija u hamsin lira maltin [Lm650] u zammet ferm il-kap tal-ispejjez;

Rat li fl-istess udjenza l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza'

Ikkunsidrat
Illi mill-atti jirrizulta inkontestat li fiz-zmien tal-prezentata tac-citazzjoni il-konvenuti kienu debituri lejn is-socjeta' attrici fis-somma ta' Lm1,859.3 import ta' kambjali li ghalkemm skadew baqghu ma thallsux, nonostante li l-

konvenuti gew interpellati diversi drabi biex ihallsu dan l-ammont.

Illi fil-mori tal-kawza l-konvenuti hallsu parti minn din is-somma, izda ghad baqa’ dovut lis-socjeta’ attrici bilanc ta’ Lm650.

Illi ghalhekk it-talba attrici hija gustifikata u ghandha tigi milqugha bl-ispejjez, ghalkemm ghall-ammont inferjuri ta’ Lm650.

Ghal dawn il-motivi tilqa’ t-talba attrici limitatament ghas-somma ta’ sitt mija u hamsin lira maltin [Lm650] u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici din is-somma flimkien mal-imghax legali kif mitlub; bl-ispejjez kollha kif mitluba a kariku tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------